MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2011

Talba Numru. 1672/2010

**Hudson Holdings Limited – C37866**

**vs**

**Claire Satariano**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta' attrici talbet illi l-konvenuta ghandha tigi ordnata li thallas is-somma ta' elf, mija sebgha u hamsin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€1,157.37c), ammont dovut ghal merkanzija mibjugha u kkonsenjata mis-Socjeta' attrici lill-konvenuta.

Bl-ispejjez tal-prezenti, tal-ittra interpellatorja tat-30 ta' Settembru, 2010 u bl-imghax legali mill-10 ta' Awissu, 2007 sal-effettiv pagament kontra l-konvenuta ngunta in subizzjoni.
Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-

terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' elf, mija sebgha u hamsin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€1,157.37c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------